Imħabba li t-tabib Ġużè' Galea jinsab imsiefer, IL-MALTI issa jinsab immexxi mill-Aġent President tal-"Għaqda", is-Sur Nin Cermona li ipso facto laħaq Aġent Direttur tar-Rivista.

**TIFKIRA B'ĊIEH MONSINJUR CARUANA**

Is-Segretarju tal-Kumitat għall-Kommemorazzjoni ta' għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' Mons. F.S. Caruana, f'ittra li bagħtilna fil-15 ta' Settembru, 1947, talabna biex f'"IL-MALTI" tidher xi kitba b'tifkira ta' Mons. F.S. Caruana. Dan għamilnieh f'"IL-MALTI" ta' Diċembru li għadda. Ta' min isemmi li wieħed mill-promoturi tal-festi li saru b'tifkira tal-Monsinjur Caruana kien is-Sur Marju Agius, membru Akkademiku tal-"Għaqda".

Dis-sena l-Professur Dun E. Coleiro u Patri J. Mejlak, ġew unanimament maħtura membri akakdemiċi tal-"Għaqda".

Fuq deċiżjoni tal-Kunsill delegazzjoni magħmula minn Dr. Ġ. Galea, u s-Sinjuri Ninu Cremona u Ġużè' Chetcuti marret tifraħ lill-Professur Mons. P. P. Saydon fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala Kamrier Segriet tal-Papa.

Il-"Għaqda" ferħet ukoll lill-Wisq Rev.du Patri. Ġ. Delia, S.J., meta nħatar l-ewwel Provinċjal fil-Provinċja l-ġdida tal-Ġiżwiti f'Malta, u lit-Tabib Ġ Galea li ngħażel bħala Lettur tal-Mediċina Legali fl-Università Rjali ta' Malta.

---

## IT-TIELET KONKORS TEATRALI

Din is-sena l-Kumitat tal-Għaqda "Bajda u Ħamra", biex dejjem jinkoraġġixxi l-kitba u rappreżentazzjoni ta' produzzjonijiet teatrali Maltin nieda Konkors letterarju-teatrali.

Għall-ewwel kien hemm il-ħsieb illi jingħataw premijiet għall-aħjar tliet produzzjonijiet u tliet premijiet b'diploma għall-aħjar reċitar; iżda billi l-konkorrenti kienu 24 wieħed, li minnhom tnaqqsu erbgħa li ma mxewx ma' xi kondizzjonijiet meħtieġa, il-premijiet sa jkunu 9 sew għal dak li hu xogħol letterarju kemm għal dak li hi rappreżentazzjoni. L-eżaminaturi huma: il-Kap. J. B. Busuttil, is-Sur Nin Cremona u s-Sur Ġino Muscat Azzopardi.

Nittamaw li ma ndumux ma nkunu nafu r-riżultat tar-rebbeħin ta' dan il-Konkors li b'riħtu l-arti drammatika tidher li qiegħda timxi hekk 'il quddiem.



# L-Aħħar Kapitlu

*Ta'* VIC. APAP

**(Buzzett Drammatiku f'Att wieħed)**

DRAMATIS PERSONAE

QARREJ.

MARI', qaddejja, xebba ta' madwar 40 sena.

KARMNU, namrat ta' Mari, ta' 36 sena, sbozz u goff fi kliemu.

ĠORĠ PORTELLI, sieħeb fin-negozju ma' Ġużè Għaxaq; raġel eleganti ta' madwar 45 sena.

YOLANDA, xebba moderna u fuq ruħha, ta' 22 sena, bint in-negozjant Ġużè Għaxaq.

FREDU CARUANA, tabib ta' xi 35 sena.

SPETTUR TAL-PULIZIJA, serju, ħarsa mqita, sod fi kliemu.

SURĠENT TAL-PULIZIJA.

4 KUNNISTABBLIJIET.

L-azzjoni ssir fi żmienna.

*Id-dwal kollha jinżammu mitfija. Il-purtieri tal-palk jinfetħu kemm iħallu wisa' ta' pultruna. Minn fuq jinxteħet rifless irqiq abjad qawwi; f'dan ir-rifless jidher* RAĠEL *bil-qiegħda fuq pultruna, bi ktieb f'idu jaqra.*

QARREJ: L-aħħar kapitlu. Dak in-nhar sebaħ jum ta' xita qliel u ragħad ikarwat mas-sema kollu. Kien jum minn dawk li jnissel swied il-qalb f'kulħadd. It-toroq, kollhom għadajjar u tajn, kienu baħħ, tneħħi xi raġel għaddej iħaffef għal xogħlu jew sejjer lura jinġabar lejn daru. Ix-xita ma waqfet xejn; is-sajjetti ta' sikwit kienu jċaqċqu mas-sema; ir-ragħad warajhom kien jinstama' jgerger minn naħa għal oħra tal-Gżira b'qilla li twaħħax u twerwer. Hekk baqa' l-ajru sa ma dalam. Ma kienx jidher li t-tempesta sa ttaffi: ir-riħ baqa' jvenven bl-istess qawwa; il-beraq u s-sajjetti ma naqqsux; ix-xita ssoktat nieżla qliel.

*Ir-rifless jintefa. Il-purtieri jingħalqu għal kollox u jerġgħu jinfetħu malajr, fil-ħin li jinxtegħlu dwal baxxi. Il-qarrej u l-pultruna ma jibqgħux jidhru iżjed.*